MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 58/2008

**Talba Nru: 58/08PBC**

**Mobisle Communications Limited**
**(C24655)**

**Vs**

**Ingrid Bonnici**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u tmienja u tletin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€438.53) - (Lm188.26c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuta skond Client Contract Number 1014580 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn Marzu 2007 u Lulju 2007.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u tmienja u tletin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€438.53) - (Lm188.26c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------